MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 539/2005/1

**Carmel *sive* Charlot Mifsud f' ismu personali u fil-kwalita` tieghu ta' Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala**

**vs**

**Onor. Jeffrey Pullicino Orlando**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Marzu, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza parzjali fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fl-1 ta' Novembru 2005 fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma likwidata mill-Qorti skond il-provvedimenti tal-ligi dwar l-istampa in

linea ta’ danni kkagunati mill-konvenut lill-attur billi l-konvenut attribwixxa lill-attur fatti li ma humiex veri li bihom ingurjah u naqqas il-gieh tieghu mal-pubbliku meta l-konvenut fis-26 ta’ Settembru 2005 f’Marsaskala qal fil-pubbliku l-kliem “Jien x’inhi l-problema li kellu s-Sindku [ta’ Marsaskala] jiehu l-konsulenti, li hallas eluf tal-liri ghal studju li ghamel, mieghu l-MEPA dakinhar? Imissu jisthi! Eluf ta’ liri ta’ flus il-poplu mohlija! Imisskom tisthu!” liema kliem gie mxandar l-ghada fuq it-televizjoni Super One, u dana wara li l-Qorti tiddikjara li l-fatti attribwiti mill-konvenut lill-attur ma humiex veri u jammontaw ghall-rizenja fil-konfront ta’ l-attur.

Bl-ispejjez u l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda stante illi preliminarjament l-attur ma kienx identifikabbli mid-diskors li allegatament qal il-konvenut;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess talba attrici ghandha tigi michuda u dan stante l-fatt illi d-diskors de quo, ma huwiex libelluz u dan ghaliex jammonta ghal *fair comment* dwar fatti sostanzjament korretti u permessi mil-Ligi, mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta' diskors pubbliku illi sar fis-26 ta' Settembru 2005 f'pjazza ewlenija ta' Marsascala meta l-pubbliku gie mistieden jiehu parti f'diskussjoni illi giet organizzata minn stazzjon Super One dwar l-impjant tar-reciklagg illi kellu jigi estiz. Dan l-impjant kien il-qalba ta' kontroversja politika fejn fuq naha kellek il-gvern li kien qed jinsisti illi l-impjant jigi modernizzat u min nahha l-ohra kellek il-partit politiku ta' l-oppozizzjoni u l-Kunsill Lokali ta' Marsascala li kienu qed jopponu tali modernizzar.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa illi l-attur ma kienx identifikabbli mid-dikors li allegatament qal il-konvenut. Din l-eccezzjoni prezumibilment inghatat fl-isfond ta' decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 1997 fil-kawza <u>Alfonse Farrugia vs Joseph Fava et</u> fejn il-Qorti rriteniet illi f'kawza ta' libell ma kellu jkun hemm l-ebda dubbju illi l-attur huwa l-persuna illi saret referenza ghalih fl-artikolu jew diskors oggezzjonabbli. Fil-fatt din l-eccezzjoni nghatat ghaliex fid-diskors tieghu l-konvenut semma s-Sindku ta' Birzebbuga izda mhux dak ta' Marsascala. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-istess konvenut kif ukoll tal-gurnalista Charlon Gouder. Il-konvenut jammetti illi fid-diskors tieghu rrifera ghas-Sindku ta' Birzebbugia imma dana sar bi zball il-ghaliex waqt li kien qed jaghmel l-intervent tieghu kien hemm hafna nterruzzjonijiet b'ghajjat u storbju illi ddisturbaw il-hsibijiet tieghu u meta giet migbuda l-attenzjoni tieghu ghall-izball li ghamel il-konvenut irrikonoxxa li fil-fatt kien qed jirreferi ghas-Sindku ta' Marsascala. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi m'ghandha l-ebda dubbju illi d-diskors illi kien qieghed jaghmel il-konvenut kien qieghed jirreferi ghas-Sindku ta' Marsascala u mhux dak ta' Birzebbugia illi ma kellu x'jaqsam xejn fil-

kontroversja li nqalghet dwar l-impjant tar-reciklagg ta’ Marsascala. Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tichad din l-eccezzjoni u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu fejn il-konvenut qieghed jecepixxi *fair comment.*

Ikkunsidrat:

Illi l-parti oggezzjonabbli fid-diskors tal-konvenut huwa riportat fl-istess avviz. Il-konvenut gie riportat li qal *“Jiena x’inhi l-problema li kellu s-Sindku [ta’ Marsaskala]  jiehu l-konsulent, li hallas eluf tal-liri ghal studju li ghamel, mieghu l-MEPA dakinhar? Imissu jisthi! Eluf ta’ liri ta’ flus il-poplu mohlija! Imisskom tisthu!”* Fix-xhieda tieghu l-attur a fol 20 ighid illi l-konvenut indirizza lilu u qallu specifikatament li kien imissu jisthi illi nefaq eluf ta’ liri  tal-Kunsill.

Jibda biex jinghad illi kuntrarjament dak li qal Charlon Gouder (fol 28) li d-diskussjoni kienet wahda hajja, xejn barra l-limitu ta’ dicenza pubblika. L-atmosfera dak inhar kienet ostili hafna lejn il-konvenut u r-rapprezentanti tal-gvern. Hu probabbli li kif xehed l-istess konvenut dakinhar  l-ostilita’ tal-pubbliku kienet manifestata b’ghajjat u tghajjir li kien jimpedixxi diskussjoni serja u matura dwar il-kwistjoni li kien qed jigi dibattut dakinhar. Ma hemmx dubbju li din l-atmosfera tintimidixxi u timpedixxi lil dak li jkun qed jircievi l-insulti milli jikkoncentra fuq dak illi qieghed ighid u facli illi jittiehed zball. Dan l-izball fil-fatt ittiehed f’identifikazzjoni tas-Sindku fejn il-konvenut irrefera ghal dak ta’ Birzebbugia flok ta’ Marsascala. Pero’ huwa minnu illi l-konvenut allega illi l-Kunsill ta’ Marsascala mmexxi mill-attur kien berbaq flus il-poplu meta nefaq eluf ta’ liri fuq rapporti li sussegwentement ma uzax. A fol 33 il-konvenut spjega illi *“fid-diskors tieghi jiena ghamilt referenza ghal mod kif kienu qeghdin jonfqu l-flus il-Kunsill Lokali ta’ Wied il-Ghajn u ghamiltha cara illi kien hemm ammont ta’ hela.  Dan nibqa’*

*nsostnieh l-ghaliex meta tonfoq mijjiet ta' flus fuq konsulenza, mbaghad ir-rapport li jkollok ma ssarrafx f'negozjati jew f'diskursati li jkollok mal-MEPA biex tiehu vantagg minn dak li tkun infaqt, allura dak ikun hela ta' flus. Hawnhekk nixtieq niccara illi fid-diskors tieghi semmejt l-eluf. Dan kont zbaljat, pero' tenut kont il-folla ostili u t-tensjoni li kelli dakinhar meta sibt ruhi quddiem din il-folla fejn tghid xi tghid ma kontx ser iggibha zewg."*

Hawnhekk il-konvenut kien qed jirreferi ghal zewg rapporti illi l-Kunsill kien ikkummissjona mill-Professur Alfred Vella u Dr Joe Doublet. Dawn ir-rapporti saru sabiex iz-zewg teknici jispjegaw lill-Kunsill f'termini aktar semplici l-konsegwenzi tar-rapport originali li *"Wasteserve"* kienet ikkummissjonat dwar il-modernizzar ta' l-impjant. Fil-fatt irrizulta illi r-rapporti gew jiswew Lm236 kull wiehed (ara fol 13-16).

Il-konvenut xehed ukoll li l-konkluzzjonijiet tar-rapporti teknici fuq imsemmija kienu illi bil-modernizzar ta' l-impjant kien ser ikun hemm qabza kbira fil-kwalita' u fit-tjubija ta' l-ambjent. Jidhirlu illi l-konkluzzjonijiet bhal dawn ma kellhomx jigu mwarrba aktar u aktar meta jigu mwarrba minhabba ragunijiet politici. Ghalhekk dehrlu illi kien hela ta' flus illi tikkummissjona rapporti biex imbaghad ma tiehux il-frott taghhom (fol 36).

L-attur ma jsemmi xejn dwar x'azzjoni hadet il-Kunsill fl-isfond tar-rapporti li hija stess kienet ikkummissjonat izda l-attur hassu illi l-kummenti tal-konvenut ingurjawh peress illi kienu vicin l-elezzjoni tal-kunsill illi kellhom isiru hames xhur wara u *"konsegwenza ta' dak li nghad f'din il-laqgha sar hafna ghajdut u allegazzjonijiet mhux xierqa fil-konfront tieghi. Ghalhekk jiena nhossni ngurjat meta gie allegat mill-konvenut illi jiena nfaqt jew berbaqt flus il-Kunsill."*

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi din il-kwistjoni trid tigi kunsidrata fil-kuntest politiku illi z-zewg partijiet f’din il-kawza poggew il-kwistjoni ta’ l-impjant ta’ reciklagg ta’ Wied il-Ghajn. Fuq naha wahda ghandek l-attur li kien qed jopponi ghall-immodernizzar u min naha l-ohra ghandek il-konvenut illi kien qed jipprogetta l-linja tal-gvern illi jimmodernizza l-impjant u kien qed jikritika lill-attur talli dan ma hax vantagg minn zewg rapporti illi huwa stess kien ikkummissjona dwar il-konsegwenzi ta’ l-immodernizzar. Veru illi l-konvenut ma kienx korrett meta qal illi l-attur bhala sindku nefaq eluf ta’ liri peress illi rrizulta iz-zewg rapporti kienu jiswew ftit mijjiet izda, d-dikjarazzjoni tal-konvenut illi l-konkluzzjonijiet tar-rapporti kienu li bil-modernizzar kien ser ikun hemm qabza kbira fil-kwalita’ u fit-tjubija ta’ l-ambjent u li dawn ir-rapporti ma gewx uzati mill-attur fil-kwalita’ tieghu premessa, ma gietx michuda jew kontradetta mill-attur. Jidher illi l-unika oggezzjoni illi kellu l-attur hija d-dikjarazzjoni tal-konvenut illi berbaq flus il-kunsill.

Kif gia nghad aktar ‘l fuq huwa veru illi l-attur ma nefaqx eluf fil-kummissjoni tar-rapporti izda biss ftit mijjiet pero’ l-kumment tal-konvenut irid jigi mehud fil-kuntest tad-diskussjoni li kienet qed isir dakinhar u l-*“value judgement”* tieghu fejn kien qieghed jargumenta illi huwa zball illi tikkummissjona rapporti u mbaghad ma tiehux vantagg minn dak li tkun ikkummissjonajt inti stess. Sa hawn il-konvenut ghandu ragun u wiehed jista’ jargumenta f’dan is-sens anke fil-kuntest politiku. Illum il-kunsilli huma politicizzati u l-elezzjonijiet huma kontestati fuq binarji politici. Id-diskors tal-konvenut irid jitqies f’dan is-sens kif ukoll ir-risposta u l-grad li kien jokkupa l-attur.

F'kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet Lombardo Noe vs Kunsill Lokali Fgura l-Qorti kienet qalet fost affarijiet ohra illi *"huwa veru illi fejn si tratta ta' nies li jokkupaw kariga pubblika u b'mod partikolari nies fil-politika, l-margini ta' dak li huwa accettabbli bhala kritika ossija kumment negattiv (value judgement) huwa ferm aktar wiesa' milli fir-rigward ta' persuna ohra...."* Ghalhekk il-kumment illi ghamel il-konvenut irid jitqies fil-margini wiesa tad-diskussjoni illi kienet qed issir dakinhar u cioe' kemm kien ser ikun vijabbli l-modernizzar ta' l-impjant tar-reciklagg. Ghalhekk il-kummenti tieghu ma jridux jittiehdu *"in isolation"* izda fil-kumpless ta' l-argument kollu tieghu u cioe' illi kien hazin illi jigu mwarrba konkluzzjonijiet teknici dwar rapporti illi jkunu gew kummissjonati minhabba ragunijiet politici u l-hela ta' flus irid jitqies b'dawn is-sens.

Il-kwistjoni ta' l-ammont kienet incidentali ghall-argument ewlieni ta' l-istess konvenut u l-izball tieghu jrid jitqies f'dan il-kuntest. Ma kienetx taghmel differenza jekk intefqux eluf jew mijjiet, dak li ried jindika l-konvenut kien illi ma kellhomx jigu skartati l-konkluzzjonijiet tar-rapporti minhabba ragunijiet politici. Il-Qorti jidhrilha illi f'dawk ic-cirkostanzi l-konvenut kien intitolat jesprimi tali opinjoni u ghandha titqies bhala *"fair comment"* fil-kuntest tal-fatti illi kellu quddiemu dakinhar. Bhalma diga' nghad l-izball illi ha l-konvenut fuq l-ammont ta' flus illi verament nefaq il-kunsill kien wiehed incidentali li ma affetwax il-qalba ta' l-argument illi kien qed jigi diskuss dakinhar f'liema diskussjoni l-konvenut ipprogetta opinjoni dwar l-operat tal-kunsill illi seta' liberament jipprogetta fl-isfond tal-fatti illi kellu quddiemu.

Ghal dawn il-motivi,

> Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.”

L-impunjattiva li l-attur jaghmel ta’ din is-sentenza hi koncepita fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Huwa jissottometti illi l-gudizzju ta’ dik il-Qorti kellu jikkonsisti f’ ezami dwar jekk il-fatti attribwiti mill-konvenut fil-konfront tieghu kienux veritiera, o meno, u jekk ma kienux, kellha tissussisti l-ingurja. F’ dan, huwa jikkollega ruhu ghal dak il-metru ta’ kejl ta’ kif il-kliem jigu mwiezna minn bniedem ragjonevoli u ta’ intelligenza ordinarja;

Ma jidherx li tezisti l-htiega li din il-Qorti toqghod terga’ tirriproduci l-fatti tal-kawza ghax dawn huma sew esposti fis-sentenza appellata. Ma tistax ma tissottolinejax, pero`, illi z-zewg kontendenti huma persuni pubblici ta’ xejtriet politici opposti u li l-programm li fih intqalu l-kliem, allegatament offensivi ghall-unur u r-reputazzjoni ta’ l-attur, kellu kontenut ta’ kontroversja politika relattiva ghall-impjant ta’ riciklagg f’ Wied il-Ghajn. Jikkonsegwi illi l-valutazzjoni tal-kliem attribwiti lill-konvenut trid issir f’ dan l-isfond, mhux bhala element singolu ezaminat izolament imma fil-qafas ta’ stharrig organiku u unitarju tal-qaghda li tohrog mill-kwadru tar-rizultanzi istruttorji tal-kaz. Hekk jidher li minn dejjem kienet l-indagini tal-Qrati taghna f’ materja ta’ libelli. Ara, fost ohrajn, “**Dominic Mintoff -vs- Thomas Hedley *et nomine***”, Appell Kriminali, 28 ta’ Novembru, 1953;

Dejjem, imbaghad, fi kwestjonijiet ta’ indoli politici, ko-involgenti persuni fil-politika jew li ghandhom funzjoni pubblika, trid tinzamm in mira d-distinzjoni bejn materja ta’ fatt u dak tal-kritika tal-kondotta politika. Dan qed jigi rilevat ghaliex, kif pacifikament akkolt, il-persuna li tokkupa kariga politika jew ghandha funzjoni pubblika, hi soggetta ghal kritika, anke harxa, dwar dak li tghid jew taghmel. Dan hu sew illustrat f’ certi decizjonijiet tal-Qrati

taghna. Ad ezempju, is-sentenza fl-ismijiet "**Onor. Philip Muscat -vs- Victor Camilleri *et***", Appell Civili, 19 ta' Mejju 1995. Mir-ricerka kondotta mill-Qorti din mhix xi haga innovattiva li bdiet timpera b' aktar qawwa fiz-zmenijiet ricenti. Gja fi zmenijiet ohra l-Qrati taghna affermaw l-importanza ta' din l-istess kritika di fronte ghall-persuni tal-politika bil-latitudni kollha xierqa ghall-espressjoni libera f' materja ta' interess pubbliku. Ara, b' ezemplari, "**Onor. Gerald Lord Strickland -vs- Avv. Dottor Enroco Mizzi**", Appell Civili, 25 ta' April 1938;

Opportunement, lil Qorti ma jistghux jisfuggulha l-linji gwida prospettati mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kazistika taghha. Sa recentement hafna dik il-Qorti kellha okkazjoni tirriafferma certi principji ghall-osservanza taghhom mill-qrati domestici tad-diversi gurisdizzjonijiet. Dan fid-decizjoni ta' l-24 ta' April, 2007 fil-kaz "**Lombardo and others -vs- Malta**", (Application No. 7333/06);

Succintivament, fiha gew replikati il-principji li jsegwu:-

(1) "*The Court recalls that the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lay themselves open to close scrutiny of their words and deeds by journalists and the public at large, and they must consequently display a greater degree of tolerance (see Lingens v Austria, judgment of 8 July 1986*)";

(2) "*The Court recalls that there is little scope under Article 10 para. 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no.1) [GC], no. 26682/95)*";

(3) "*It has consistently held that, in assessing whether there was a 'pressing social need' capable of justifying interference with the exercise of freedom of expression, a careful distinction needs to be made*

*between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (Harlenova v. Latvia, 3 April 2003)*";

Ir-rilevanza ta' dawn ir-regoli espressi mill-Qorti Ewropeja ghad-Dirttijiet tal-Bniedem, oltre dik tar-registrazzjoni tat-twessigh tal-margini ta' tolleranza tal-kritika fil-konfront ta' personaggi pubblici, tikkomporta illi l-interpretu ghandu jirricerka jekk il-kliem allegatament offensivi, kienux jissodisfaw, o meno, ir-rispett ta' dak ir-rekwizit baziku tad-dritt tal-kritika libera in kwantu mizmuma fil-konfini mizurati tat-tifsira oggettiva taghhom. F' dan il-kuntest din l-istess Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni tosserva illi d-dritt tal-kritika, anke jekk wahda razenti offiza tal-reputazzjoni ta' l-individwu pubbliku ikkritikat, mhix *a priori* vjetata. Kieku kien hekk, ikun ifisser li d-dritt l-iehor ta' l-espressjoni hielsa jigi ghal kollox stultifikat. Dak li hu vjetat anke *a priori* hi l-kritika li titraxxendi f' attakki virulenti u aggressjonijiet personali diretti biex jolqtu fuq il-pjan individwali l-figura morali tal-persuna kkritika;

Fil-kaz prezenti minn kif tarah din il-Qorti u indipendentement mill-vivacita ta' l-espressjonijiet uzati, il-kliem impunjati ma jidhrux, fil-kumpless, li jaqbzu l-limitu ta' dak legittimament accettabli. Huwa veru li kien hemm skatti impulsivi u ezagerazzjonijiet zejda u mhux preciza mill-appellat, *del resto* hekk minnu stess rikonoxxut fid-deposizzjoni tieghu. Dan hu forsi spjegat ukoll mill-fatt ta' dak in-nuqqas ta' serenita f' dibattitu imqanqal, kif hekk jikkonfermaw il-provi. Hu x' inhu u kien x' kien l-ammont li effettivament intefaq f' konsulenzi teknici mill-Kunsill u mill-attur li kkapeggjah, il-vera kwestjoni ma jidherx li kienet din imma dik tal-kritika tal-hala tal-fondi tal-Kunsill issuggerita lill-appellat ghal fatt tat-tqieghed fil-genb mill-istess attur u Kunsill tal-konkluzjonijiet teknici tar-rapporti. Jista' jigi objettat illi forsi l-istil kien ripunjanti, l-ghazla tal-kliem, esagerata, imma fis-sustanza, ma jirrizultax illi l-appellat ma kienx intitolat, fil-limiti tal-kritika gusta, milli jaghmel il-gudizzju tieghu fuq il-fatt li jigu kkummissjonati

rapporti u ma jittiehedtx rizultat fruttiferu minnhom ghax ma jissarfux f' negozjati jew f' diskussjonijiet mal-MEPA ghat-tehid ta' vantagg minnhom;

Biex wiehed jissellef il-kliem tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fuq riferenzjata, "*the Court would in any event observe that the distinction between statements of fact and value judgments is of less significance in a case such as the present, where the impugned statement is made in the course of a lively political debate at local level and where elected officials and journalists should enjoy a wide freedom to criticise the actions of a local authority, even where the statements made may lack a clear basis in fact.*" Kull kumment agguntiv ma jistax ma jitqiesx superfluwu;

In raguni ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet u dawk tal-motivi premessi ghas-sentenza appellata, il-Qorti hi sodisfatta illi *tout ensemble* il-kliem attribwiti lill-konvenuti kienu jirrientraw fl-argini ta' dik il-kritika gusta akkonsentita, minghajr il-htiega ta' interferenza zejda mill-Qorti.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra tal-Qorti ta' l-ewwel grad, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------